Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Jannar 2022**
**(OR. en)**

**5060/22**

**CDR 1**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mill-Ungerija, fil-Kumitat tar-Reġjuni. |

1. Permezz ta' ittra tas-7 ta' Jannar 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur János Ádám KARÁCSONY, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni[1].

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

[1] 5093/22.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tiegħu, il-Gvern Ungeriż ippropona lis-Sur János Ádám KARÁCSONY[2], rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Pest Megyei KözgyŞ lés tagja* (Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta' Pest Megye), biex jinħatar bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 5061/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

[2] 5071/22.